

Brussell, 1 ta' April 2022  
(OR. fr)

7684/22

FIN 369  
INST 101  
PE-L 15

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|                |  |
|----------------|--|
| minn:          | Kumitat tal-Baġit  |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Nru dok. Cion: | 7515/22  |
| Suġġett:       | Trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 08/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022 |

---

1. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 08/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment mill-Artikolu 06 04 01 (*Strument tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru (EURI) - Pagament ta' kupun perjodiku u ħlas lura bil-quddiem*) ta' EUR 70 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 50 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Artikolu 06 05 01 (*Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili*), u EUR 20 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Artikolu 06 07 01 (*Għajjnuna ta' emerġenza fl-Unjoni*), kif jinsab fid-dokument 7515/22.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jkompli jiffinanzja l-operazzjonijiet ta' assistenza relatati mal-kriżi tal-Ukrajna fix-xhur li ġejjin.

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, għandu japplika l-perijodu ta' tliet ġimgħat għall-approvazzjoni, skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Marzu 2022. F'dan il-kuntest, il-Kumitat fakkar li d-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni dwar il-prudenza baġitarja fir-rigward tal-linja ta' interess EURI<sup>1</sup>, magħmula fil-kuntest tal-adozzjoni tal-baġit tal-2022, trid tiġi rispettata.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
  - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 7515/22; u
  - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

---

---

<sup>1</sup> Dokument 13911/21.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 08/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni -tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

---

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).